# Unjoni Ewropea – Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tal-eHealth

## KUNSENS GĦAT-TRASFERIMENT TRANSFRUNTIERA TA' SOMMARJU TAL-PAZJENT

Jekk beħsiebek issiefer f'pajjiż ieħor tal-UE jew tal-*EFTA**, jekk jogħġbok ikkunsidra li tagħti l-kunsens biex sommarju ta' *data* dwar saħħtek jiġi trasferit lil dak il-pajjiż f'każ ta' bżonn mediku, permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tal-eHealth tal-UE. Tista' tagħti kunsens *online* fil-portal tal-myHealth (www.myhealth.gov.mt): illoggja permezz tal-e-ID tiegħek, mur fi Profil u 'Settings', mur f'Kunsens tal-Crossborder, aqra l-Avviż ta' Tagħrif għall-Pazjent, u ssettja u ssejvja l-kunsens.

Tista' wkoll tagħti l-kunsens billi timla u tiffirma din il-formola, u timpustaha lil: Information Management Unit, Unit 17, Outpatients Building, St Luke's Hospital, G'Mangia, PTA1012. Tista' wkoll tiskanjaha u tibgħatha bl-email lil crossborder.ehealth@gov.mt. **Min jiffirma l-formola irid jibgħat ukoll kopja tal-karta tal-identità tiegħu/tagħha minn quddiem u minn wara.** Applikazzjonijiet ċari u kompluti biss jiġu pproċessati.

### DETTALJI TAL-PERSUNA

Isem sħiħ *(uża ittri kbar)* ______________________________

Numru tal-karta tal-identità ______________________

Data tat-twelid ______________________

**Jien, hawn taħt iffirmat, qrajt u naqbel mal-kundizzjonijiet li hemm fl-Avviż ta' Tagħrif għall-Pazjent** (disponibbli f'www.cbeh.gov.mt) **u nagħti l-kunsens tiegħi għat-trasferiment transfruntiera tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħi permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tal-eHealth tal-UE, għall-iskop li niġi pprovdut b'kura medika:**

[ ] **Fi kwalunkwe pajjiż tal-UE jew l-*EFTA**.**

[ ] **Fi kwalunkwe pajjiż tal-UE jew l-*EFTA** ħlief** ______________________

*(Jekk jogħġbok immarka u kkompleta skont kif japplika)*

**Nifhem li nista' nibdel jew nirrevoka dan il-kunsens jien stess *online* permezz tal-portal tal-myHealth, jew nitlob tibdil jew revoka billi nikteb lill-Information Management Unit.**

FIRMA ______________________________
*(fil-każ ta' persuna taħt l-età ta' 18-il sena, firma tal-ġenitur jew kustodju legali)*

Data ______________________

***Fil-każ ta' persuna taħt l-età ta' 18 il-sena biss:***

Isem sħiħ tal-ġenitur jew kustodju legali ______________________________

Numru tal-karta tal-identità ______________________

Email jew telefonu ta' kuntatt *(mhux obbligatorju)* ______________________

* Fis-06.02.20, il-pajjiżi tal-EFTA kienu l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Isvizzera.



**Stqarrija fuq il-Protezzjoni tad-*Data*:** Id-*data* personali f'dil-formola ser jiġu pproċessati skont il-proviżjonijiet tar-Regolament Ġenerali tal-UE dwar il-Protezzjoni tad-Data ('*GDPR*') u l-leġislazzjoni nazzjonali applikabbli. L-Information Management Unit tal-Ministeru responsabbli għas-saħħa hu l-kontrollur tad-*data*. F'każ ta' mistoqsijiet dwar il-protezzjoni tad-data, jekk jogħġbok ibgħat email lil dp.imu.health@gov.mt. Sit tal-internet: www.health.gov.mt.